Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS- SEBA' u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 5 ta' Frar 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas-7.10pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt

**Skuzat:** Is- Sur Andrew Zammit Montebello (Ambaxxatur)

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-sitta u tletin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Desmond Zammit Marmara, li kien issekondat mis-Sur Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Transport Malta kitbu lura rigward il-'*One way*' fi Triq Sisner fejn talbuna biex aħna nissottomettu *Safety Assessment Report* u tittieħed deċizjoni liema naħa ser titwaħħal it-tabella tal-*One Way*.

Is-Sindku qal li hu kien jippretendi li Transport Malta jagħmlu dan ir-rapport għax huma n-nies tekniċi. Madanakollu huwa issuġerixxa li jitqabbad konsulent tat-traffiku, privat, biex jipprepara dan ir-rapport għal kunsiderazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3. Estimi Finanzjarji 2014**

L-Estimi għas-sena Finanzjarja 2014, kif emendati fl-aħħar laqgħa tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-format skont ir-regolamenti finanzjarji (mehmuża).

Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku s-Sur Guido Borg li kien issekondat mill-Kunsillier, is-Sur Desmond Zammit Marmara, il-Kunsill unanimament approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2014. L-estimi ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**4. Sitwazzjoni preżenti tal-Uffiċċju tal-Kunsill**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2014 kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, Dr. Jose' Herrera fil-prezenza tas-Sur Michael Cohen, konsulent, fejn ġiet diskussa din il-materja u x'possibilitajiet hemm li jkollna dan l-uffiċċju.

Ġew diskussi tlett possibilitajiet, waħda li l-Kunsill jissellef mill-Bank għal dan il-proġett, jew issir devoluzzjoni ta' art f'Wesgħa Profs. Guze Aquilina jew tinħareġ *Expression of Interest* biex bil-parteċipazzjoni ta' entitajiet oħra li jkunu interessati (*Public Private Partnership*) jinbena Ċentru Ċiviku u minnu r-residenti jkun jistgħu jinqdew bil-kumdita' kollha.

Fiċ-cirkostanzi preżenti l-aħjar għażla waqgħet fuq dan iċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Parlamentari talab lis-Sindku biex f'kaz li din l-idea tiġi approvata mill-Kunsill, niktbu lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex inkunu nistgħu ngħarfu nimxu

Sadanittant nhar l-Erbgħa, 12 ta' Frar 2014, is-Sindku ser ikollu laqgħa maċ-Ċermen tal-Awtorita' tad-Djar, is-Sinjura Antoinette Vassallo fejn ser tiġi diskussa l-pożizzjoni tal-Kunsill vis-a-vis l-uffiċċju tal-Kunsill minn fejn qed jaħdem bħalissa.

Il-Kunsilliera kkunsidraw l-opzjonijiet kollha u qablu unanimament li l-Kunsill għandu jibda' l-proċess billi joħroġ *expression of interest* wara li jkun ikkonsulta mad-Dipartiment.

**5. Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa Annwali tal-Lokalita, ser ssir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Marzu 2014 fis-7.15pm.

**6. Korrispondenza**

**Ittra Nru 3627**: Ittra mingħand il-MEPA rigward talba għal permess (Nru. 279/14) ta' kostruzzjoni ta' bankina wiesgħa tlett metri quddiem Palazzo Bosio fi Triq Mons. F.Z. Zahra. Fuq din it-talba rċevejna petizzjoni ffirmata mir-residenti fejn qed joġġezzjonaw għal dan.

Il-Kunsill bil-qawwa kollha ser jikteb lill-MEPA joġġezzjona fuq din il-kostruzzjoni fejn qed jitlob li l-bankina trid tkun wiesgħa skont kemm tippermetti l-liġi jigiefieri 1.2 metri.

**Ittra Nru 3612** : Email mingħand s-Sur Henry Cassar biex fi Triq Qarcilla kantuniera ma' Triq San Frangisk isir *safety assessment report* tat-traffiku, għax f'dik l-area ta' spiss qed ikun hemm inċidenti tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li jitqabbad konsulent tat-traffiku, privat, biex jipprepara dan ir-rapport għal kunsiderazzjoni tiegħu.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ

**7. Rapport dwar l-Ilmenti**

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

**8. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku qal li kif kien diġa' semma, l-ewwel priorita' hija li tinstab alternattiva għall-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsill jinsab f'qagħda finanzjarja tajba u f'każ li ma tinstabx alternattiva, l-Kunsill ikollu jmur għall-kiri. Dan ser nippruvaw nevitawħ għaliex zgur li bil-flus li għandna nistgħu nużawhom għal għanijiet oħra aktar importanti għal-lokalita'.

Pero' f'kaz li jiġri hekk, il-Kunsill xorta ser ikun f'pożizzjoni finanzjarja li jwettaq il-prioritajiet l-oħra għal din is-sena li huma r-rikostruzzjoni tal-kumplament ta' Triq Guże Bonnici u Triq l-Għerusija kif ukoll l-*Street Lighting* fil-*village core.*

Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa li għandna niktbu lill-Kappillan biex temporanjament f'kaz li jkollna nitilqu barra nikru uffiċċju fil-kunvent tal-Bon Pastur. Is-Sindku wieġeb li għandna neħduha in kunsiderazzjoni.

**9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-5 ta' Frar 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,087.58

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**10. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sur Guido Borg:

Il-Kunsillier Guido Borg ressaq talba tas-Sur Vince Abela biex issir bankina quddiem il-garaxx tiegħu peress li jiftaħ 'l ġewwa. Il-handyman tal-Kunsill ser jara tistax issir.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara':

Huwa ressaq ilment tas-Sinjura Pauline Spiteri biex tissolva l-problema ta' għargħar fi Triq Idmejda dan wara li tlesta l-proġett tal-pjazza. Is-Sindku wieġeb li skont ir-rapport tal-perit, biex din tissolva, it-triq trid tiġi asfaltata. Il-Kunsill ser jagħti priorita' lil din it-triq f'kaz li l-finanzi jippermettu wara li jkunu tlestew il-prioritajiet msemmija qabel.

Is- Sur Zammit Marmara' staqsa fuq ir-radio li kien ixandar minn Ħal Balzan waqt il-festa titulari, jistax jerġa' jsir. Il-Kunsillier Guido Borg wieġeb li bħala Kunsill skont il-liġi ma jistax ikollna r-radio tagħna. Is-Sindku qal li jekk jinstab sponsor għal dan it-tip ta' xandar waqt il-festa wieħed jara l-possibilita' jistax isir.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta'Frar 2014 fil-5.30pm.

________________________
**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

________________________
**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

________________________
Data